# *Newbiet* ta' Frans Sammut

*Oliver Friggieri*

**Diskors li nstema' l-ewwel darba nhar it-13 ta' Marzu, 1998 fil-Gallerija Strada Stretta, il-Belt.**

Ċerti kotba jġibu magħhom il-ferħ ġdid ta' twelid, oħrajn iroddu s-sodisfazzjon ta' maturità milħuqa. Kotba oħrajn jiġbru ż-żewġ tifsiriet f'daqqa. *Newbiet*, jixhed il-proċess kreattiv ta' madwar tletin sena li matulhom in-narrattiva Maltija stagħniet ħafna u daħlet fid-dinja tal-kontemporanjetà. Huwa dokument li jiġbor l-essenzjali ta' awtur ta' kalibru u li fih innifsu jissintetizza l-aħjar avventuri tan-novella Maltija fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin.

Il-konsistenza stilistika u l-iżvilup tagħha jistgħu jingħarfu minnufih imqar b'ħarsa lejn *Labirint* u *In-Naska*, li bejniethom hemm kważi tletin sena, mil-1965 sa l-1994. B'*Labirint* Frans Sammut daħal mill-ewwel fil-kurrent letterarju ta' żmienu u daħal sewwasew bis-sens tal-kontemporanjetà: ix-xejriet internazzjonali bdew jitlaħħmu fil-kitba Maltija, jinħassu bħala mudelli mbiddlin f'għażliet persunali, jitlewnu mill-qofol mediterranju li jibqa' karatteristiku tal-kreattività fi gżira mediterranja miftuħa għall-irjieħ kollha. Sa mill-1965 Sammut jifhem li hemm modi diversi ta' narrazzjoni, u fuq kollox li l-"fabula" (il-ġrajja oġġettiva, is-sensiela ta' l-azzjonijiet) għandha titbiddel f'"nisġa" (ir-rikostruzzjoni persunali). In-novelli li xandar fil-bqija tas-snin sittin u fis-sebgħinijiet huma marbutin b'xi mod ma' l-għażla ewlenija magħmula fl-1965. Hemm dejjem il-konċentrazzjoni fuq il-karattru, aktar milli fuq l-azzjoni li m'hix



Ir-Riċensjonijiet

għajr arkivju tal-karattru. "Seta' kien" (1972) hi l-istorja ta' tbissima, bħalma "In-Naska" (1994), ix-xogħol l-iżjed riċenti, hi l-kronaka ta' sentiment ta' mħabba. It-tmiem hu dejjem miftuħ, in-novella tissokta weħidha fil-ħsieb tal-qarrej.

Anki meta l-azzjoni titla' iżjed fil-wiċċ, bħal f'*Il-Qtil fi Sqaq il-Ħorr*, l-interess ewlieni ta' Sammut jibqa' fil-persuna, hi nnifisha u weħidha l-għajn ta' l-ispirazzjoni. Werriet xieraq tar-realiżmu storiku, l-iżjed tat-tip li xtered fir-reġjun fis-snin ta' wara l-gwerra, Sammut hu fuq kollox l-esponent tar-realiżmu psikoloġiku; ir-realtà waħdanija, misterjuża u indefinibbli, tibqa' r-ruħ tal-bniedem. L-azzjonijiet empiriċi huma biss ħjiel, dehra mċajpra ta' kontinent li ma jistax ikun esplorat ħlief f'waqtiet ta' riflessjoni narrattiva, jiġifieri ta' tħassib li jieħu l-ispunt u jitmexxa mill-azzjoni, iżda biex iterraq wisq iżjed lilhinn minnha. *Fuq Tazza 'John Collins'* (1967), xogħol bikri, daqskemm *Il-Biża' tal-Griegi* (1993) huma esplorazzjonijiet tat-tema ewlenija ta' Sammut: ir-relazzjonijiet umani bħala proċess imwiegħer ta' għarfien, dejjem limitat, miftuħ għall-kontradizzjoni.

Daqskemm huma Maltin il-persunaġġi tiegħu, huma wkoll universali, imqegħdin xi mkien xi darba biex jirriflettu verità akbar u itqal minnhom. Il-kwadrettiżmu tiegħu, li jittradik billi taħsbu folkloristiku bħal kartolina turistika, jinħall malajr f'inkjesta psikoloġika li ma tistax ma tqishiex bħala djarju miktub f'isem pazjent. Frans Sammut tan-novelli huwa l-istess wieħed tar-rumanzi: *Il-Gaġġa*, *Samuraj* u *Il-Ħolma Maltija*, fl-istruttura tal-qiegħ tagħhom, isawru triloġija dwar il-konflitt bejn il-wieħed u l-ħafna. *Paceville* jista' jixhed tipoloġija differenti iżda aktarx li jrid ikun hemm xi mkien fih il-ħjut li jorbtuh ma' l-oħrajn.

L-unità tematika mseddqa b'aktar minn tletin sena ta' kitba narrattiva tidher anki fl-unità stilistika. Il-qima kbira ta' Sammut lejn il-kelma Maltija, il-medda lessikali wiesgħa tiegħu, il-qlubija li juri fit-tħaddim kalm ta' kliem li għoddu ntesa, id-dixxiplina fit-tiswir tas-sentenza, in-naturalezza fil-ħolqien tal-frażjoloġija: dawn huma x-xejriet ta' klassiċità moderna, xhieda li l-mediterranjetà għadha ħajja fil-letteratura Maltija.

Il-ktieb hu wkoll dokument uman, interpersunali. Aktar minn stħarriġ kritiku llum jixraq li tingħata merħba lill-awtur bħala

persuna u min-naħa tiegħi bħala ħabib u kollega antik. Niftakar *Labirint* tinkiteb madwar nofs is-snin sittin, lejlet it-twaqqif tal-Moviment Qawmien Letterarju. Niftakarni naqraha għall-ewwel darba u nikteb wieħed mill-ewwel apprezzamenti tiegħi dwarha. Imbagħad il-ħruġ tal-ktieb b'*Labirint* u oħrajn. Hemm imbagħad is-snin imlewna tal-ħidma fi ħdan il-Moviment, l-entużjażmu taż-żgħożija, l-ideali, id-determinazzjoni tagħna li nibnu letteratura moderna, imsejsa sewwasew fuq il-kelma-muftieħ: il-kontemporanjetà. Imbagħad wasal *Il-Gaġġa*, ir-rumanz li kkondensa f'metafora waħda l-ansjetà umana u kreattiva ta' l-epoka. F'dawn is-snin kollha Frans Sammut baqa' konsistenti fis-sejħa letterarja, jesplora l-metodi tan-narrazzjoni, jorqom il-kelma Maltija, jirrifletti perijodu storiku, iqim il-kontinwità bejn l-imgħoddi u l-preżent bħala ħoloq ta' katina waħda li m'hemmx ħliefha.

Tul madwar ħamsa u tletin sena sħaħ lil Frans Sammut aftu dejjem bħala kittieb konvint mill-prinċipju fundamentali: il-kittieb m'għandu xejn għajr il-kelma, u dik il-kelma - ħoss, sens u ħaġa - trid tkun sħiħa, bħal ġebla mqiegħda f'postha b'reqqa u bi skruplu, b'kompromess ma' l-unika lingwa perfetta li għandu l-bniedem: is-silenzju li twieled bih. Għalhekk il-kompromess lingwistiku jrid isir bil-qima, bħal min fi rtir qiegħed jikser is-silenzju għall-bżonn. Dan hu l-qofol tematiku ta' *Il-Gaġġa*, li minnha l-persunaġġ irid jaħrab, ta' *Samuraj* li jesplora l-monologu, u ta' *Il-Ħolma Maltija*, ir-rikostruzzjoni ta' l-idealista ewlieni ta' l-istorja Maltija, Vassalli, il-bniedem waħdu par excellance. Jekk f'*Paceville* hemm protagonista, dan jista' jkun in-narratur, li jista' jkun l-awtur jew l-awtur implikat jew il-Malti wild is-sittinijiet fid-dinja differenti tad-disgħinijiet. Fir-rumanzi, mela, daqskemm fin-novelli Sammut huwa l-awtur li bis-saħħa tar-rikostruzzjoni tal-lingwa jemmen li jseħħ il-bini ta' kultura moderna li għandha l-għeruq imfanndin sewwa. Kollox jibqa' jdur mal-kelma.

Nifraħ lill-ħabib tiegħi Toni Cortis għall-ħruġ ta' din l-edizzjoni, imfassla bħala antoloġija li tirrifletti l-mixja letterarja ta' awtur, u għalhekk fiha nnifisha rakkont ta' epoka mġarrba u mistħarrġa. Lil Frans Sammut nifraħlu minn qalbi għal darba oħra bħal dejjem għal xogħol serju u ta' livell għoli, bħal dak in-nhar, xi darba lejlet il-ħruġ ta' l-ewwel ktieb tiegħu, meta wrieni kopja ta' *Labirint.* Is-snin jgħaddu iżda l-kliem maħdum tajjeb jibqa' jiġġedded, qisu newbiet.